# TWAQQIF TA' BUST FĠIEH L-ISKULTUR DISINJATUR ABRAM GATT FL-ISKOLA TAS-SNAJJA TA' BIGHI




Fl-iskola tas-Snajja ta' Bighi, li fl-1988 ġiet imsemmija għall-Iskultur u Dinsinjatur Bormliż ABRAM GATT (1863 - 1944), fit-3 ta' Mejju 1991 kitbet paġna oħra fl-istorja tagħha. Dak in-nhar kien Jum il-Premjazzjoni u f'din l-okkażjoni ġie mikxuf bust f'ġieh ABRAM GRATT - il-Padrun tal-iskola, u nżammet ukoll wirja żgħira dwaru.

ABRAM GATT hu magħruf sewwa f'Bormla għall-opri kbar li ħalla fil-Knisja Parrokkjali. Fost dawn insibu l-Vari ta' San Ġużepp, il-Veronika, il-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira u l-Vara Titulari tal-Kunċizzjoni bil-pedestall maestuż tagħha. Niltaqgħu ma' bosta opri oħra maħdumin fil-fidda - ventartali, kandlieri, lampieri, gastri u tagħmir ieħor ta' tiżjin kif ukoll id-dekorazzjoni tal-koppla tal-Knisja. Bosta opri oħra insibuhom fi Knejjes prinċipali ta' Malta:- ir-Rabat, Ħaż-Żebbuġ, il-Belt, il-Mosta, l-Imqabba u oħrajn, kif ukoll fil-gżira ta'Għawdex. ABRAM GATT kien artist kbir li ħalla isem kbir f'Malta fl-iskultura u d-disinn.

## IL-BUST

Il-bust sar fuq l-inizjattiva tas-Sur Joe Balzan, għalliem fl-istess skola ta' Bighi b'kooperazzjoni sħiħa mas-Sur Joe Grima, il-kap ta' l-iskola u l-għalliema l-oħra. Is-Sur Michael Mallia, għalliem ieħor fl-istess skola ħadem il-bust,li bil-mezzi limitati li kellu kien kapaċi joħroġ xogħol daqshekk tajjeb.

Il-Ministru tal-Edukazzjoni u Intern kixef il-bust u wara qiegħed bukkett fjuri f'riġlejn il-monument. Bukketti oħra tqiegħdu min-neputijiet ta' ABRAM GATT, mill-kap tal-iskola, mir-rappreżentanti tal-Kolleġġjata ta' Bormla, tal-Każin tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla u tat-tfal tal-iskola.

Il-Kappillan tal-Kalkara Dun Lawrenz Zammit bierek il-bust waqt li l-Kanonku Propostu Dun Ġużepp Bonello għamel diskors interessanti dwar ABRAM GATT.

## IL-WIRJA

Il-wirja ħa ħsiebha wkoll is-Sur Joe Balzan. Ġiet miftuħa mit-Tabib Maurice u ħuh Joseph Gatt - żewġ neputijiet ta' ABRAM GATT. Kien hemm għall-wiri disinji, ritratti u xogħlijiet ta' ABRAM GATT kif ukoll kitbiet dwaru f'kotba, rivisti u ġurnali.

B'tifkira tal-kxif tal-bust saru numru limitat ta' 'souvenirs' bir-ritratt ta' ABRAM GATT u l-iskola ta' Bigh i bil-kliem 'Tifkira tal-Kxif tal-Bust ta' ABRAM GATT - Titular ta' l-Iskola tas-Snajja Bighi - 03.05.1991'. Dawn ħa ħsiebhom is-Sur Michael Mallia.

**AMMIRATUR**